MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2012

Numru. 820/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH MERCIECA**
**SPETTUR NIKOLAI SANT**

**VS**

**KEITH GALEA**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Keith Galea, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 155880 (M).

**Akkuzat talli:**

B’diversi atti maghmulin, ukoll fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, u cioe`:

Talli fit-8 ta` Awwissu, 2010, ghal-habta tad-disgha u ghoxrin ta` filghodu (09:20hrs) gewwa l-Fexco Exchange Bureau fi Triq Santu Wistin, Paceville, San Giljan, flimkien ma persuni ohra mhux maghrufa:

1. Ikkommetta serq t’ammont konsiderevoli ta` flus kontanti f’denominazzjonijiet ta` Euro, Sterlini u Dollari Amerikani, *gift vouchers* u *mobile phone top-up cards*, u xi oggetti ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u li sar ghad-dannu tas-socjeta Fexco Financial Services (Malta) Ltd, u/jew ta` persuna/i u/jew entitajiet ohra;

2. Aktar talli, bla ordni skond il-ligi ta` l-awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Josef Aquilina kontra l-volonta` tieghu, liema persuna arrestata, mizmuma jew issekwestrata giet offiza fuq il-persuna taghha jew mhedda bil-mewt u l-istess delitt sar bil-hsieb ta` estorsjoni ta` flus jew hwejjeg ohra, jew biex persuna jew persuni ohra jkunu mgieghla jaccettaw li jaghmlu xi trasferiment ta` hwejjighom;

3. U aktar talli, filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta` serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni t’arma tan-nar jew imitazzjoni t’arma regolari;

4. Ukoll talli uza vjolenza sabiex igieghel lil Josef Aquilina, jaghmel, ihalli ssir, jew jonqos milli jaghmlu xi haga;

5. U aktar talli volontarjament, hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` hsara fi hgiega *bullet-proof* fl-istess ufficcju, liema hsara tiskorri l-elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) ai terminu ta` l-Artikolu 325 (1)

(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, liema hsara saret ghad-dannu tas-socjeta` Fexco Financial Services (Malta) Ltd., u/jew ta` persuna/i u/jew entitajiet ohra;

6. Akkuzat aktar talli fl-istess jum u fix-xhur ta`qabel, f’San Giljan u f’diversi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer, zamm f’xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond, xi arma tan-nar, jew munizzjon, elenkati fl-Iskeda II tal-Kapitolu 480 (Att Dwar l-Armi) minghajr ma kellu licenzja taht l-istess Att;

7. U talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, spara arma tan-nar qalb zona t’abitazzjoni;

8. U aktar, talli fil-5 t’Awwissu, 2010, ghal-habta tas-siegha ta` filghodu (01:00hrs), minn Triq Dun Karm, Birkirkara, ikkommetta serq ta` vettura Hyundai Accent, numru tar-registrazzjoni KBB145, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, u li sar ghad-deteriment ta` Mario Cassar u/jew ta` persuna/i ohra;

9. U talli fil-lejl bejn is-7 u t-8 t’Awwissu, 2010, minn Triq it-Till, San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq ta` par tarek tar-registrazzjoni ta` vettura tal-marka Hyundai Accent, bin-numru tar-registrazzjoni FBP765, liema serq hu aggravat bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta` Afos Anto Afos Ampanso u/jew ta` persuna/i u/jew entitajiet ohra;

10. U aktar talli fit-8 ta` Awwissu, 2010, u/jew fil-jum ta` qabel, f’San Giljan, fis-Swieqi u/jew fi nhawi ohra f’dawn il-Gzejjer, sabiex jikseb vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghall-haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, billi biddel it-tarek tar-registrazzjoni ta` vettura numru KBB145, ma dawk ta` vettura numru FBP765, ai terminu tal-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

11. U aktar talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi, f’dawn il-Gzejjer, ghamel falsifikazzjoni jew uzu minn dokument

iehor falsifikat billli uza par tarek tar-registrazzjoni ta` vettura, u cioe` numri FBP765 minflok in-numri originali KBB145 u dan ai terminu ta` l-Artikolu 187 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, u ta` l-Artikolu 15 (1A) ta` l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta;

12. Akkuzat ukoll talli fit-8 ta` Awwissu, 2010, u/jew fi-jiem ta` qabel, f'dawn il-Gzejjer, volontarjament, hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` vettura tal-marka Hyundai Accent, numru tar-registrazzjoni KBB145, liema hsara ma tiskorrix l-elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) izda izjed minn mija u sittax Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) ai termini ta` l-Artikolu 325 (1) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, liema hsara saret ghad-dannu ta` Mario Cassar u/jew ta` persuna/i ohra u/jew entitajiet ohra;

13. Iktar, akkuzat ukoll talli fit-8 ta` Awwissu, 2010, ghal habta tas-sitta ta` filghaxija (18:00hrs), fl-Ghassa tal-Pulizja tal-Hamrun iddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta` reat b'mod li setghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;

14. U aktar, talli fit-8 ta` Awwissu, 2010, u/jew fil-jiem ta` qabel, f'dawn il-Gzejjer, xjentement, laqa` ghandu jew xtara hwejjeg, cioe` vettura Hyundai Accent numru tar-registrazzjoni KBB145 u par tarek tar-registrazzjoni FBP765 u/jew oggetti ohra, misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

15. Finalment akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recediv ai termini ta` l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta permezz ta` diversi sentenzi mill-Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti rat id-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda mressqa u l-provi prodotti;

Rat l-artikoli indikati u cioe` l-Artikoli 18, 49, 50, 86, 87 (1) (c) (e), 110 (2), 187, 188, 251, 261, 262 (1) (a) (b), 263 (b), 267, 270, 271 (g), 289, 325 (1) (a), 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Artikoli 5 (1), 55 (a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Artikolu 18 (2) (a) ta` A. L. 79/2006 u l-Artikolu 15 (1) (a) (1A) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti wara li rat l-ammissjoni tal-imputat tiddeciedi billi ssibu hati tal-akkuzi 1, 2, 3, 4, 5, 6, 10, 11, 12, 13 u 15 migjuba kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti wara li semghet ix-xhieda tal-imputat qed tilliberah mil-imputazzjonijiet 7, 8, 9 u 14 u dan ghaliex l-imputat definittivament u bla dubju ma kellux x'jaqsam mas-serq tal-vettura wzata fil-*hold up*.

Rigwardanti l-piena, dina l-Qorti, wara li hadet in konsiderazzjoni s-serjeta tal-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat li huma reati li jolqtu d-dritt tas-socjeta` li thoss ruhha trankwilla u serena, fl-istess hin din il-Qorti ghandha tammira lil-imputat ghall-kuragg tieghu li jikxef lil ko-awturi ta` dan ir-reat sabiex jikkopera mal-Awtoritajiet Investigattivi u fl-istess hin tal-isforz tieghu biex ibiddel hajtu kriminali, billi jipprepara ruhu bi studju adekwat ghal meta jerga jintegra ruhu fis-socjeta`. Dawn huma sforzi meritevoli tal-imputat li ghalihom din il-Qorti thoss illi ghandhom jigu kompensati b'piena gusta pero ragjonevoli.
Ghal dawn il-motivi u sabiex tinkoraggi lill-imputat jkompli fil-passi tajbin illi diga ha, din il-Qorti qed tikkundannah ghal terminu ta` prigunerija ta` tlett (3) snin li minnhom

ghandu jitnaqqas il-perjodu li l-imputat qed jinzamm taht arrest preventiv.

Il-Qorti ma tistax hlief tikkumplimenta lil-imputat ghal ko-operazzjoni massiva tieghu billi jpoggi l-Awtoritajiet Investigattivi f'pozizzjoni li jistghu jkomplu jinvestigaw dan il-*hold up* u finalment igibu ghall-gustizzja l-awturi l-ohra u dan bl-assistenza tat-testimonjanza futura ta` dan l-imputat fi proceduri kriminali futuri.

Il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat ghal hlas ta` terz tal-ispejjez inkorsi fil-kumpilazzjoni tal-inkjesta magisterjali u qed jghati lill-imputat zmien ta` tlett (3) snin sabiex ihallas dawn l-ispejjez.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------